MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-28 ta' April, 2010

Numru 45/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Carmelo Sultana**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 45 tas-sena 2007 kontra l-akkuzat Carmelo Sultana li bih huwa gie akkuzat talli:

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-15 ta' April, 2006, Carmelo Sultana, ghal habta tas sitta ta' filghodu (6am), kien ghal kacca Bahar ic-Caghaq ftit il-boghod mil-Splash and Fun meta dahal go ghalqa uzata min Constantine Borg. Illi Constantine Borg talbu biex johrog u wara ftit inqala argument vjolenti fejn Carmelo Sultana beda jaghti diversi daqqiet ta' mus lil Constantine Borg u dana bil-hsieb li joqtlu jew jqghedlu hajtu f'periklu car. Illi Borg sofra diversi feriti, izda li fortunatament ma ikkawzawx l-mewt.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Carmelo Sultana sar hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu.

Ghaldaqastant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Carmelo Sultana hati ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew bil-hsieb li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, wera dana l-hsieb b'atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' tieghu;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghall- piena ta' prigunerija minn seba snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 41(1)(a), 211(1)(2), 31 (1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiz-zmien u taht c- cirkostanzi indikati fl- Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza w cioe fil-15 ta' April, 2006, ghal habta tas 6am, Bahar ic-Caghaq, Carmelo Sultana kellu fil-pussess tieghu mus b'xafra w bil-ponta minghajr id-debita licenzja tal-Kummisarju tal-Pulizija. B'din l-arma hu ipprova joqtol lill- Constantine Borg.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Carmelo Sultana sar hati talli minghajr licenzja tal-Kummisarju tal-Pulizija kellu f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill- imsemmi Carmelo Sultana hati talli, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, kellu

f'idejh jew fuqu sikkina, ta' kull xorta li tkun, b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundanat ghall-piena ta' multa ta' mhux izjed min hamsin lira jew prigunerija ta' mhux izjed minn tlett xhur, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 13(1) u 19 tal-Kap 66 u fl-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, b'seba' (7) voti favur u b'zewg (2) voti kontra sabu lill-akkuzat Carmelo Sultana mhux hati tal-ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza ghaliex, ghalkemm ikkaguna offizi ta' natura hafifa bi strument li jaqta' jew iniggez fuq Costantino Borg, hu kien agixxa minhabba l-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu nnifsu, u li b'sitt (6) voti favur u bi tlieta (3) kontra sabuh mhux hati tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.

Tiddikjara ghalhekk lil Carmelo Sultana mhux hati ta' l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza ghaliex, ghalkemm ikkaguna offizi ta' natura hafifa bi strument li jaqta' jew iniggez fuq Costantino Borg, hu kien agixxa minhabba l-bzonn attwali tad-difiza legittima tieghu nnifsu.

Tiddikjarah wkoll mhux hati tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 487 tal-Kodici Kriminali tiddikjarah mehlus u, jekk ma hux detenut ghar-ragunijiet ohra, tordna li jigi liberat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------